**- KOMPETENZA '*RATIONAE VALORIS'*; ART. 32,47, 748 (B) KAP 12 -**

**- DANNI ; OBBLIGU LI JIGU MINIMIZZATI D-DANNI -**

**- LOSS OF USE -**

**- ARBITRIO BONI VIRI -**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-23 ta' Ottubru 2001.

**Kawza Numru. 24**
**Citaz. Numru. 2015/98/RCP.**

**Kummissarju Elettorali Principali.**

**vs**

**Godwin Zammit.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi waqt li l-vettura proprjeta’ ta’ l-attur, numru ta’ registrazzjoni KAB - 174, kienet qed tigi misjuqa minn Anthony Gatt nhar it-Tnejn 9 ta’ Marzu 1998 mar-*roundabout* tal-Moll ta’ l-Imgarr, Ghawdex, hija giet involuta f’kollizjoni ma trakk proprjeta’ ta’ Polidano Brothers numru ta’ registrazzjoni IAE - 842, misjuq mill-konvenut Godwin Zammit;

Illi ghall-istess kollizzjoni kien unikament responsabbli l-istess konvenut stante imperizja, negligenza traskuragini, u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte unikament tieghu;

Illi l-attur sofra danni fil-vettura tieghu kif jigi ppruvat;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnu kagunati huwa baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tad-9 ta’ Marzu 1998.

(2) Tillikwida d-danni kagunati lill-attur permezz ta’ periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April 1998, u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-presentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 5 sa 11 tal-process.

Rat li l-konvenut Godwin Zammit gie debitament notifikat bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh fl-24 ta' Marzu 1999 u li ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 1999 fejn l-avukat difensur tal-konvenut prezenti fl-Awla talab li l-istess konvenut jiggustifika l-kontumacja tieghu peres li c-citazzjoni ghaddiha lil Charles Polidano, Direttur tas-socjeta' Polidano Brothers Limited, l-*employers* tieghu li kellhom jaghduha lill-Insurance. L-avukat difensur tal-attur opponiet ghal tali talba. Il-Qorti ddiferiet l-kawza ghall-provi kollha dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghas-6 ta' Lulju 1999.

Rat il-verbali tas-seduta tas-6 ta' Lulju 1999 u x-xhieda hemm moghtija u halliet il-kawza ghall-24 ta' Novembru 1999 ghal-decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Rat s-sentenza tal-24 ta' Novembru 1999, fejn il-Qorti ddikjarat li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kuntumacja tieghu u ghalhekk awtirizzatu sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu w inghata lilu terminu ta' ghoxrin (20) gurnata u l-kawza giet differita ghat-18 ta' Jannar 2000.

Rat  in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 53 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi din il-Qorti hija nkomptenti *'rationae valoris'* li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza stante li d-danni allegatament sofferti mill-attur ma jecceddux l-Lm1,000 kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jammetti r-responsabilita' tal-incident in kwistjoni pero' ma ghandux ibati spejjez stante li ma intlahaqx ftehim u sar il-hlas relattiv minhabba t-talba esagerata tal-attur ghad-danni allegatament kagunati fl-isemmija kollizzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 54 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Jannar 2000, 16 ta' Marzu 2000, 18 ta' Mejju 2000, 21 ta' Gunju 2000, 25 ta' Ottubru 2000, 7 ta' Dicembru 2000, 26 ta' April 2001, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-23 ta' Ottubru 2001.

Rat l-affidavits tax-xhieda attrici esebiti b'nota tas-7 ta' Frar 2000 (fol.62) u l-affidavits ta' Carmel De Gabriele (fol.63); George Saliba (fol.70); Mario Caruana (fol.72); u Anthony Gatt (fol.74).

Rat l-affidavits tax-xhieda tal-konvenut esebiti b'nota tal-1 ta' Marzu 2000 u l-affidavit ta' Mark Asciak (fol.78).

Rat nota b'dokument datata 21 ta' Gunju 2000 a fol. 89 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' Mark Axiaq in kontro-ezami tal-21 ta' Gunju 2000 minn fol. 93 sa fol. 96 tal-process; u ta' Manwel Arpa tas-7 ta' Dicembru 2000 a fol. 107 sa fol. 116 tal-process u tas-26 ta' April 2001 a fol. 118 sa fol. 124 tal-istess.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tordna l-korrezzjoni fl-ewwel paragrafu tac-citazzjoni attrici b'dan li flok in-numru "19" jigi imnizzel u indikat in-numru "9" stante li jidher li sar zball dattilografu fl-istess numru peress li ma hemm l-ebda dubju li l-incident mertu tal-kawza odjerna gara fid-9 ta' Marzu 1998.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li din il-Qorti hija inkompetenti *rationae valoris*, u din l-eccezzjoni hija bbazata fuq l-**artikolu 47 tal-Kap 12,** li tipprovdi li *"Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) joqghod magistrat wiehed u dik il-qorti, bhala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeciedi, l-pretensjonijiet kollha sal-ammont ta' elf lira, kontra persuni li joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti mill-Gzira ta' Malta".*

Illi konsistentement l-**artikolu 32 tal-Kap 12** jipprovdi li :-

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili taqta' kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor".*

Illi in vista ta' dawn il-provedimenti din il-Qorti ghandha kompetenza biss ta' dawk il-kawzi civili li l-valur taghhom jeccedi l-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000).

Illi issa jirrizulta li l-azzjoni attrici hija wahda naxxenti minn azzjoni ta' danni kawza ta' incident stradali li l-attur qed jallega li gara minhabba negligenza u ghalhekk b'tort tal-istess konvenut u ghalhekk qed jitlob li jithallas id-danni li hekk jigu likwidati minn din il-Qorti.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-kawza kif proposta hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti stante li l-ammont ta' danni riklamati jirrizulta li huwa in eccess tal-ammont ta' elf lira Maltija (Lm1,000) u dan kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mac-citazzjoni attrici fejn fil-fatt l-istess attur qed jinsisti li ghandu jithallas is-segwenti sommom bhala risarciment tad-danni lilu kkawzati u cjoe':-

| | |
|---|---|
| (a) *Spare Parts, Labour u Spray…* | Lm0,655.15. |
| (b) *Loss of Use……………………...* | Lm0,356.00. |
| (c) *Loss of Use……………………...* | Lm0,345.00. |
| TOTAL……………………………… | Lm1,356.15. |

Illi ghalhekk minn dan jidher li l-ammont ta' danni pretizi mill-attur huma in eccess tas-somma ta' Lm1,000 u allura t-talbiet attrici huma fil-kompetenza ta' din il-Qorti, u huwa mmaterjali ghall-fini ta' kompetenza jekk tali ammont huwa gustifikat jew le, stante li dak li jirradika l-kompetenza tal-Qorti huwa l-valur tat-talba jew talbiet attrici u mhux l-ammont eventwali li jista' jigi likwidat li jista' jirrizulta li huwa anqas mill-ammont rikjest u ghalhekk in vista ta' dan l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda stante li din il-Qorti hija kompetenti *rationae valoris* sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza anke *ai termini* tal-**artikolu 748 (b) tal-Kap 12.**

Illi fit-tieni lok jirrizulta li fit-tieni (2) eccezzjoni tieghu l-konvenut jammetti r-responsabilita' tal-istess incident mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk in vista ta' dan, ir-responsabilita' tal-incident *de quo,* in vista tad-dikjarazzjoni tal-konvenut, ghandha tigi akkordata lill-istess konvenut.

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju dwar din l-istess responsabilita' tal-incident *da parte* tal-konvenut stante li jirrizulta li fid-data in kwistjoni Anthony Gatt kien qed isuq il-vettura Reg. No. KAB - 174 u kien ser idur jew jibda jdur mar-*roundabout* li hemm Ghawdex taghti ghall-Ghajnsielem, meta trakk misjuq mill-konvenut gie fuq ix-xellug tal-istess vettura u beda jghaffas lill-istess karozza misjuqa kif inghad tal-

attur, bil-konsegwenza li rassa bejnu u bejn l-istess *roundabout* u tefghaha ghal fuq l-istess *roundabout*, kif jirrizulta wkoll mill-iskizz a fol. 10 tal-process u peress li dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anzi ammessi, jirrizulta li r-responsabilita' tal-incident hija verament tal-konvenut, u ammessa minnu.

Illi pero' l-kwistjoni hija dwar l-ammont ta' danni reklamati mill-attur u li skond hu jikkonsistu fis-segwenti:-

| | |
|---|---|
| (a) *Spare Parts, Labour u Spray…* | Lm0,655.15. |
| (b) *Loss of Use……………………...* | Lm0,356.00. |
| (c) *Loss of Use……………………...* | Lm0,345.00. |
| TOTAL……………………………… | Lm1,356.15. |

Illi l-principju ta' risarciment ta' danni gie trattat fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Elmo Insurance Agency Limited nomine vs Martin Saliba"** (P.A. RCP. 31 ta' Mejju 2001) fejn saret riferenza ghall-**artikolu 1045 (1) tal-Kap 16** fejn jinghad li:-

*"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet taghmel*

*minhabba l-hsara, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali……".*

Illi dan huwa dak li jissejjah f'termini guridici d-*damnum emergens,* li ma huwa xejn hlief dak li **Andrea Torrenete** jsejjah bhala *"la dimunizione patrimoniale subita dalla vittima"* tant li f'termini reali "*il risarcimento, di solito, si opera 'per equivalente' vale a dire attribuendo alla vittima una somma di denaro commisurata alla entita' del pregudizio cui si intende porre riparo"* **(Manuale di Diritto Privato -** para. 431 - 432**).**

Illi tal-istess fehma huwa **Alberto Trabucchi** fejn jghid li *"il risarcimento tende a rimettere il patrimonio del soggetto nella stessa situazione in cui si sarebbe trovato, se non fosse intervenuto l'atto illecito (restitutio in integrum, o per equivalente)* **(Istituzioni di Diritto Civile -** pag.222).

Illi hekk fis-sentenza **"George Gatt vs Francis E. Carbone *nomine*"** (A.C. 7 ta' Lulju 1998) inghad illi :-

*"Il-ligi gustament trid li l-persuna danneggjata, tigi rizarcita; cioe' titpogga f'sitwazzjoni mhix aghar, kwantu ghall-lucrum cessans u damnum emergens, milli kienet qabel l-infortunju. Il-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu".* (wkoll **"Mario Camilleri vs Mario**

**Borg *et nomine*" -** P.A. (G.M.B) 8 ta' Mejju 1990 - LXXIV.iii.512).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni jirrizulta li l-hsarat sofferti fil-karozza tal-attur ftit hemm x'wiehed jghid dwarhom stante li dawn jirrizultaw li huma kkoroborati mir-ricevuta esebita bhala Dok. "A" a fol. 5 tal-process mahruga min-*New Waldorf Garage* u datata 7 ta' Mejju 1998 fejn fiha hemm indikati l-ammonti in konnessjoni ma *spare parts* utilizzati u wkoll l-ammont ta' *labour* u *spray* ghall-total ta' Lm655.15., u wkoll jinghad li l-istess xoghol sar abbazi ta' stima maghmula w esebita bhala Dok. "SS 5" a fol. 90 tal-process li tindika wkoll il-valur ezatt ta' *labour u spray* indikat fl-istess ricevuta, u ghalhekk ma hemmx dubju li dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut bhala l-valur ta' hsara effettiva kkagunata fil-karozza tal-attur fl-incident *de quo.*

Illi l-attur qed jitlob wkoll *loss of use* mit-13 ta' Marzu 1998 sat-12 ta' Mejju 1998 kif jirrizulta mid-Dok. "B" u Dok. "C" esebiti a fol. 6 u 7 tal-process stante li huwa qed isostni li kellu jikri karozza LANTRA LAK 015 sakemm tissewwa tieghu ghall-istess perjodu, u dan bir-rata ta' Lm11.50 kuljum ghall-total ta' Lm701.50.

Illi skond l-attur il-karozza dahlet tissewwa biss fis-27 ta' April 1998 stante li l-*New Waldorf Garage* kienu

mimlija *bookings* qabel dak in-nhar, u x-xoghol relattiv spicca fuqha fis-7 ta' Mejju 1998 kif jirrizulta minn Dok. "A" esebit mac-citazzjoni attrici. Pero' rrizulta li din il-karozza kien ghad baqghala difetti fis-sistema tal-elettriku u giet irrangata minn kollox a sodisfazzjon tal-attur fit-12 ta' Mejju 1998.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut isostni tramite Mark Axiaq, *Motor Cliams Manager* tas-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. li huma ma rnexxilhomx jezaminaw il-karozza, pero' fi kwalunkwe kaz il-karozza kellha tissewwa fi zmien seba' (7) t'ijiem u dan ibbazat fuq ix-xoghol li kellu jsir fuq l-istess vettura skond ir-ricevuti stess esebiti mill-attur.

Illi pero' dwar l-allegat fatt li  s-socjeta assikuratrici tal-proprjetarju tal-karozza misjuqa mill-konvenut ma ratx il-karozza tal-attur wara l-habta, dan jinsab kontradett mix-xhieda ta' Manwel Arpa, *foreman* mal-FIAT, li sostna li l-istima datata 17 ta' Marzu 1998 fil-fatt saret minn Natalino Agius ghan-nom tal-istess socjeta' assikuratrici, u ghalhekk ma jidhirx li l-istess konvenut ghandu bazi sabiex jikkontesta t-tiswijiet li saru.

Illi fil-fatt jirrizulta li xoghol fuq l-istess vettura kellu jiehu biss hdax (11)-il gurnata, u cioe' kemm fil-fatt ha minn meta l-karozza effettivament dahlet ghat-tiswija sal-mument meta harget l-ewwel darba u cjoe' mid-data tas-27 ta' April 1998 sas-7 ta' Mejju 1998; il-fatt li

jidher li x-xoghol ma sarx sew stante li s-sistema tal-elettiku ma kienitx qed tahdem sew xorta ma ghandux jahti ghaliha l-konvenut, stante li dan huwa rizultat tax-xoghol li sar jew naqas li jsir minn *New Wardorf Garage* u ghalhekk l-istess ammont ta' *loss of use* ma ghandux jigi soffert mill-konvenut, stante li din in-nuqqas ta' tiswija sewwa mill-istess garaxx ma hijiex imputtabli lilu u lanqas rizultat dirett mill-istess kolizzjoni.

Illi xorta jibqa' l-fatt li ghall-incident li gara fid-9 ta' Marzu 1998, l-karozza dahlet tissewwa biss fis-27 ta' April 1998 u cjoe' 48 il-gurnata wara l-akkadut u dan peress li l-istess garaxx fejn kellha issir it-tiswija kien gja mghobbi bix-xoghol.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-allegazzjoni tal-attur li peress li l-karozza kienet ghada gdida u koperta bil-garanzija ghall-perjodu indikat fid-Dok. "CDG 1b" a fol. 67 tal-process ma jwassalx ghall-konkluzzjoni attrici, li l-karozza kellha tissewwa bilfors hemm ghaliex tali garanzija tkopri biss il-*parts* li kienu jirrizultaw difettuzi jew xoghol fil-karozza suggetta ghall-uzu normali u certament mhux ghall-hsara koperta fl-istess incident, ghalkemm wiehed jifhem ukoll ghaliex l-attur ried isewwi l-karozza tieghu ghand l-istess agent meta l-karozza kienet ghadha taht garanzija. Pero' certament li ghal dan iz-zmien kollu li l-attur qaghad jistenna l-karozza tieghu biex tissewwa

ma ghandux ibati l-konvenut, ghaliex l-istess karozza mill-*punto di vista* tieghu setghet tissewwa wkoll tajjeb f'postijiet ohra.

Illi pero' l-konvenut lanqas jista' jghid li ma kienx jaf fejn l-karozza tal-attur kienet ser tissewwa, peress li l-assikurazzjoni tieghu ghamlet *is-survey* taghha fl-istess post, u ghalhekk l-istess konvenut kien informat b'dan kollu ghalkemm ma jidhirx li la huwa u lanqas is-socjeta' assiguratrici tieghu interessaw ruhhom sabiex jaraw kemm ser idum biex tissewwa fic-cirkostanzi.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti thoss li l-*loss of use* ghal wiehed u sittin (61) gurnata rikjest mill-attur huwa fil-fatt eccessiv, u dan in vista tal-konsiderazzjoni li f'seba' t'ijiem il-karozza kienet tista' tigi rrangata, u konsistentement ma dan la darba kien hemm din il-problema ta' *bookings* ghal tali xoghol, l-attur dejjem kien missu kkonsulta ruhhu mas-socjeta' assikuratrici qabel ma qabad u kera l-istess karozza ghal dak it-terminu kollu. Min-naha l-ohra kien fl-interess tal-istess socjeta' assikuratici li tara hija wkoll, la darba kienet informata fejn kellha tissewwa l-istess karozza, u wkoll in vista tal-ammissjoni tar-responsabilita' tal-istess incident, meta tali karozza kienet diehla ghat-tiswija, halli wara ma tghidx, kif qed tghid, li hija giet sorpriza bil-kont tal-attur ghall-kiri tal-istess karozza.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u *arbitro boni viri* din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-*loss of use* ta' mhux iktar minn ghoxrin (20) gurnata, u hawn il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni li ix-xoghol ma nbedhiex mill-ewwel fuq l-istess karozza, u n-nuqqas da parte tal-konvenut li ma ivverifikax kemm ser iddum tali tiswija u meta kienet ser tibda' tali tiswija, meta kien jaf fejn kienet ser tissewwa l-istess karozza.

Illi ghalhekk ibbazat fuq ir-rati indikati mill-attur ta' Lm11.50 kull gurnata tali *loss of use* li ghaliha qed jigi tenut responsabbli l-konvenut hija ta' mitejn u tlettin lira Maltija (Lm230) li flimkien mas-somma ta' sitt mija u hamsa u hamsin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm655.15) ghall-hsarat jammontaw ghall-tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm885.15) li qed jigu likwidati bhala danni u li ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attur.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u tilqa' in parti t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fejn allega li l-ammont ta' danni rikjest huwa esegerat, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tad-9 ta' Marzu 1998.

(2) Tillikwida d-danni kagunati lill-attur fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm885.15).

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti in linea ta' danni fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hmistax- il centezmu (Lm885.15).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April 1998, u bl-interessi skond il-ligi mid-data ta' din s-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**23 t'Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**23 t'Ottubru, 2001**